# Il-Mużika Sagra u l-Patrimonju Mużikali fil-Parroċċa Tagħna

***Joseph G. DeBono***

Il-kant minn dejjem kien jagħmel parti integrali mil-liturġija. Sa nofs is-seklu sittax l-aktar li kien jintuża fil-knejjes tagħna kien il-kant Gregorjan. Mons. Duzzina, mal-wasla tiegħu f'Malta, beda jinsisti biex fil-knejjes tagħna, speċjalment fil-kattidral, tibda tintuża mużika orkestrata. Għal dan il-għan kien ħeġġeġ lill-kaptilu tal-kattidral jibgħat membri tal-kleru jitgħallmu l-orkestrazzjoni għand surmastrijiet f'Napli jew fi Sqallija[1]. Kien bidu li kellu jibdel ix-xena mużikali fil-knejjes Maltin. Dak li nbeda fil-kattidral inxtered fil-knejjes parrokkjali speċjalment fil-festi titulari li dejjem kienu jsiru b'aktar pompa.

## Fil-parroċċa tagħna

Sa mill-1673 fil-ġranet tal-festa titulari tagħna kien isir xi forma ta' kant. Dan joħroġ mill-fatt li l-parroċċa kienet tikri orgni u tħallas *Maestro di Cappella* għal dawk il-ġranet. F'dik is-sena l-kiri u l-ġarr tal-orgni swew żewġ skudi. Dun Sebastjan Formosa kien mexxa l-mużika u s-servizz tiegħu sewa 8 skudi u 6 tari[2]. Għalkemm ftit li xejn hemm dokumentat x'ġara matul il-kumplament tas-seklu sbatax, wieħed għandu għax jaħseb li minn dak iż-żmien 'l hawn l-użanza ma qatgħet xejn. Mill-1746 jeżistu dokumenti li, bla ebda interruzzjoni, juru li l-Festa tal-Lunzjata kienet iċċelebrata b'ċertu pompa u surmastrijiet differenti mexxew il-mużika fil-parroċċa tagħna fil-ġranet tal-festa. Bejn l-1746 u l-1798 insibu lil Dun Mikiel Anġ Vella, Dun Fortunato DeMarco, Fra Carolo Buhagiar, Giuseppe Borg, Melchior Mortin, Dun Andrea Lautier u Fra Salvatore Magrin. Mal-qalba mis-seklu tmintax għas-seklu dsatax insibu l-ewwel darba l-isem tal-familja Bugeja. Kien Pietru Pawl, dak iż-żmien *Mro di Cappella* tal-kattidrall, li kien imexxi l-mużika. Aktar tard daħlu surmastrijiet oħra bħal Dun Giużepp Burlo`, Imbroll, Vincenzo Bugeja u Paolo Nani, li ta s-servizzi tiegħu l-ewwel darba fl-1837. Kien hemm snin li fihom intużaw is-servizzi tal-Agostinjan Fra Giuseppe Spiteri Fremond u aktar tard Roberto DeCesare. Fl-ewwel snin tas-seklu 20 Paolo u Antonio Nani taw is-servizzi tagħhom[3]. Fl-1914 Mro Lorenzo Gonzi beda jieħu ħsieb il-muiżka fil-parroċċa tagħna[4]. Dan kellu jkun il-*maestro* li poġġa l-ewwel ġebla tal-patrimonju mużikali parrokkjali kif naraw aktar tard.



Paġna mill-ktieb tal-kor li turi l-Matutin tal-Lunzjata

Is-suċċessur ta' Lorenzo Gonzi kien is-Surmast Joseph Casapinta. Dan ukoll rabat ismu mall-parroċċa tagħna bil-kompożizzjonijiet li ħallielna. Mro Casapinta baqa' jagħti s-servizzi tiegħu sal-1956 meta emigra lejn il-Kanada. Hija ħasra li meta kien se jsiefer ma ttieħdetx inizjattiva u nxtraw kompożizzjonijiet ta' dan is-surmast.

Is-suċċessur ta' Casapinta kien l-Agostinjan Patri Albert Borg li mexxa għal sena waħda biss waqt li għas-snin ta' wara ġie mqabbad Mro Lorenzo Galea. Aktar tard beda jmexxi Patri Salv Galea, Dumnikan. Dan ġab lura fil-parroċċa tagħna l-kompożizzjonijiet ta' Bugeja. Wara Patri Salv ħa f'idejh il-konpajżan tagħna Fortunato Farrugia. Kien f'dan iż-żmien li beda jieħu sehem ukoll il-kor parrokkjali "Magnificat". Dawn l-aħħar snin beda jagħti s-servizzi tiegħu Mro Hermann Farrugia Frantz li, f'qasir żmien, diġà rabat ismu mal-arkivju parrokkjali.

## L-ewwel mużika fl-arkivju parrokkjali

Mro Lorenzo Gonzi ikkompona l-antifona *Gabriel Angelus* fl-1915 u ġiet esegwita l-ewwel darba fil-11 ta' April ta' dik is-sena fl-okkażjoni tal-festa titulari[5]. Il-parruċċani jafu li din għadha tintuża sa llum. Nażżarda ngħid din l-antifona hija monument ħaj lil dan il-kompożitur. Fortunatament, l-awtur għoġbu jħalli din l-antifona lill-parroċċa tagħna u b'hekk poġġa l-ewwel ġebla tal-patrimonju mużikali tagħna. Sa dak iż-żmien il-patrimonju mużikali tal-

1 Castagna P.P –' Storja ta' Malta bil-Gzejjer Tagħha ' Vol III p.238
2 Arkivju Kurja Arċiveskovili - Veneranda Lampade 1677-1684
3 Arkivju Parrokkjali Ħal Tarxien (AKPT) - Rendikonti tal-festa – Reġistri tal-Veneranda Lampada diversi
4 AKPT – Esito Vda Lampada 1881 – 1915 p. 177
5 Battistino Vincent - Lorenzo Gonzi 1887-1934 p.43

parroċċa ma kienx jeżisti għajr għall-kotba b'kant Gregorjan li kienu jintużaw mill-qassisin waqt il-kor.

**Żidiet fl-arkivju Mużikali**

Fit-tieni kwart tas-seklu għoxrin il-patrimonju mużikali parrokkjali kiber b'Innu Marjan. Fis-sitta ta' Jannar 1936 Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali, kiteb 'Innu ta' Ferħ'. Dan huwa dak l-innu li llum aħna nsibuh bħala 'L-Innu Popolari'. Dan kitbu fuq talba ta' qassis minn Ħal Tarxien **bil-għan li jitkanta fil-purċissjoni ta' nhar il-Lunzjata**[6]. Mro Joseph Casapinta, li dik is-sena stess inħatar bħala *Maestro di Cappella* tal-parroċċa tagħna[7], ikkompona l-mużika ta' dan l-innu. Aktar tard dan l-innu ra xi tibdil biex jingħata xejra aktar popolari.

Fis-snin ħamsin inkitbu żewġ innijiet oħra. Wieħed minn Patri Mattew Sultana, li kien immużikat minn Mro Joseph Casapinta. Dan l-innu sar bil-għan li jitkanta waqt il-programm tal-banda, li dak iż-żmien kien isir lejlet il-festa, meta ma kienx jitkanta l-innu ta' Mro Gonzi li huwa propjetà tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata. Innu ieħor ħareġ mill-pinna ta' Mro Angelo Pace fuq versi ta' Dun Frans Camilleri. Dan sar bit-tħabrik tal-Kumitat tal-Festa mmexxi mill-Kappillan Dun Anton Rapa li, fil-laqgħa numru 13 ta' dan il-kumitat, insibuh jirraporta li l-innu kellu jiżżanżan fil-festa tal-1959[8]. Minn dik is-sena l-innu baqa' jitkanta kull sena waqt il-ħruġ tal-purċissjoni tal-Lunzjata. Għall-informazzjoni dan l-innu qam ħames liri.

Kellhom jgħaddu kważi ħamsin sena biex il-patrimonju mużikali tagħna ra żieda oħra. Dik id-darba kienu s-Sur Alfred Massa u Mro Victor Vella li, fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kumitat tal-Festa, għoġobhom jirregalaw lill-kumitat Innu Marjan ieħor[9]. Dan l-innu iżżanżan fil-25 ta' Marzu 2008 waqt konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus, li saret biex tikkomemora l-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kumitat tal-Festa. Minn dik is-sena l-innu beda jitkanta fil-ġranet tal-festa speċjalment waqt il-ħruġ min-niċċa u d-dħul tal-purċissjoni.

**Oratorju Marjan**

Kienet inizjattiva tas-Sur Alfred Massa li wasslet biex inkiteb Oratorju Marjan bl-isem '**Marija fil-Qalb Maltija**' li, sa llum, huwa l-akbar xogħol mużikali li għanha lill-patrimonju parrokkjali. Alfred innifsu, barra li ffinanzja l-kompożizzjoni, kiteb, aktar minn qalbu milli bil-pinna, l-versi u Mro Hermann Farrugia Frantz, b'kompożizzjoni fuq erba' movimenti, ta espressjoni ħajja lil dawn il-versi. Il-lirika tal-oratorju twaħħad l-istorja tas-Salvazzjoni mal-istorja ta' Ħal Tarxien b'mod li nisrani devot Tarxiniż biss jista' jagħmel.

Dan l-oratorju ġie esegwit għall-ewwel darba fil-knisja parrokkjali tagħna nhar it-30 ta' April 2014 bis-sehem tas-solisti Miriam Cauchi sopran, Marvic Monreal mezzo sopran, Cliff Zammit Stevens tenur u Alfred Camilleri baritonu. In-narrativa ġiet fdata f'idejn Melina Cornish. Daqqet l-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt id-direzzjoni ta' Mro Hermann Farrugia Frantz.

Fit-2 ta' Mejju tal-istess sena saret ripetizzjoni fil-Kattidral tal-Imdina. F'Mejju tal-2015 il-kompożitur u l-awtur għoġobhom jgħaddu x-xogħol lill-knisja parrokkjali tagħna. Minn hawn inroddilhom ħajr pubblikament.

**Quddiesa**

Illum il-parroċċa tista' tiftaħar b'dawn il-kompożizzjonijiet iżda baqa' jinħass vojt f'dik li hi mużika sagra. L-aqwa ħin tal-Festa tal-Lunzjata huwa dak tal-quddiesa solenni. Għalkemm dejjem ġiet esegwita quddiesa solenni ta' kalibru minn *maestri di cappella* diversi, id-dilettanti kienu spiss jesprimu x-xewqa li għal dan il-waqt il-parroċċa għandu jkollha kompożizzjoni ta' quddiesa li tintuża fil-parroċċa tagħna biss. Din is-sena ittieħdet inizjattiva biex issir kompożizzjoni ta' quddiesa biex tintuża f'nhar il-festa. Wara s-suċċess li kellu l-Oratorju '**Marija fil-Qalb Maltija**' ġie avviċinat Mro Farrugia Frantz li aċċetta bil-ħerqa dan l-inkarigu.

Minbarra is-soltu *Kyrie, Gloria, Credo, Sanctus* u *Agnus Dei* il-kompożitur qabel li jinkludi Innu tad-Dħul (adattat mill-għeluq tal-Oratorju '**Marija fil-Qalb Maltija**' versi ta' Alfred Massa bil-permess ġentili tal-awtur li minn hawn nixtieq nirringrazzjah publikament), Salm Responsorjali u Gradwal.

Din is-sena sejrin nisimgħu għall-ewwel darba dan ix-xogħol. Din il-kompożizzjoni saret possibbli bil-ġenerosità ta' numru ta' Tarxiniżi li għandhom għal qalbhom il-Festa. Minn hawn nixtieq inrodd ħajr lil dawn id-dilettanti[10].

Min jixtieq jara r-riżultat ta' din l-inizjattiva nistednu jiġi jgawdi l-quddiesa solenni ta' nhar il-festa.

6 Alfred Massa –Tarxien ħarġa speċjali 2010 – p.5
7 AKPT - Libro Esito Vda Lampada Tarxien – p.281
8 Minuti Kumitat tal-Festa - Volum I, laqgħa nru 13
9 Fuljett 'Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata – 50 Sena Xogħol u Servizz' p.17
10 Dawn huma d-dettalji tal-ġbir u l-ispejjeż: Donazzjonijiet mill-parruċċani €1710

| | |
|---|---|
| Spejjeż tal-kompożizzjoni eċċ | €1350 |
| Bilanċ | € 360 |

Il-bilanċ ser jintuża għal parti mill-ispejjeż tal-mużika tal-festa ta' din is-sena.